# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.7

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.7 – Fuq il-passi ta' Ġesù.**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jisimgħu s-silta Mk 1:29-39 u jifhmu kif Ġesù kien iqatta' l-ġurnata tiegħu.
2. Jisiltu l-kwalitajiet ta' Ġesù li jidhru minn din is-silta.
3. Jagħrfu x'għandhom jagħmlu biex ikunu bħalu.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video Clip: *Jesus heals mother in law*

https://www.youtube.com/watch?v=TaBYU53e0_k&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 2.6 (mill-Ktieb).



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Fakkar kif kulħadd għandu bżonn lil kulħadd u kulħadd tajjeb għal xi ħaġa.
2. Spjega s-silta mill-Vanġelu ta' San Mark.
3. Fakkar lit-tfal li joqogħdu attenti għall-kwalitajiet li jidhru f'Ġesù.
4. Fakkar fil-punt li qabel ma kien jagħmel xi ħaġa, Ġesù kien jitlob.
5. Stieden lit–tfal jiftakru meta huma stess jitolbu u għaliex.
6. Fiehem li nitolbu biex nistiednu lil Ġesù jkun magħna f'dak li nkunu ħa nagħmlu.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Stieden lit-tfal jaraw il-video klipp.
2. Staqsi x'laqathom minn dan il-fejqan.
3. Irrevedi l-istorja magħhom.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.6 u wara li tispjega s-silta mogħtija erġa' fakkar fl-istorja.
5. Stieden lit-tfal biex bħala klassi jaħdmu Attività 1 billi jpoġġu l-istorja wara xulxin kif seħħet.
6. Wara, iddiskuti mat-tfal Attività 2 biex jaraw kif jistgħu japplikaw dak li ġara mal-ħajja ta' kuljum.
7. Aħdem ukoll l-aħħar attività.
8. Spiċċa l-lezzjoni b'talba.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Qabel ma kien jiltaqa' man-nies Ġesu kien jitlob.
2. Xi drabi kien jitlob fis-sinagoga, drabi oħra kien ifittex xi post imwarrab 'il bogħod minn kulħadd.
3. Lin-nies kien iħobbhom u huma kienu jħobbuh. Kienu jisimgħuh, u l-morda kienu jersqu lejh u hu kien ifejjaqhom għax kien l-Iben t'Alla.
4. Fejjaq lil omm il-mara ta' Xmun għax kellha ħafna deni.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħrfu l-kwalitajiet li kellu Ġesù u li ma żammhomx għalih u lanqas ma ftaħar bihom, avolja hu kien l-Iben t'Alla.
- It-tfal jaħdmu biex huma wkoll, fuq l-ezempju ta' Ġesù, jagħmlu l-ġid f'ħajjithom.
- Isibu modi kif jistgħu jkunu ta' ġid.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Video Clip: *Jesus heals mother in law*

https://www.youtube.com/watch?v=TaBYU53e0_k&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, għallimni biex dejjem nagħmel ir-rieda tiegħek u urini kif inkun ta' ġid għall-oħrajn.

